



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14609/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0268(NLE)

COEST 270
WTO 323

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Novembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 606 final - Annex
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 606 final - Annex.

Mehmuż: COM(2019) 606 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2019
COM(2019) 606 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat ta'
Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ**

DOKUMENT MEHMUŻ

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru ./... TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta'... 20...

li taġġorna l-Anness XV tal-Ftehim

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f' Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014, u b'mod partikolari l-Artikolu 147(4) u (5), l-Artikolu 148(5) u l-Artikolu 438(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Wara li saru konsultazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Unjoni Ewropea qablu, fuq bażi reċiproka, li jżidu l-volum ta' xi prodotti soġġetti għal kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju.
- (3) L-Unjoni Ewropea aċċettat li żżid il-volum tal-kwoti tariffarji ("TRQ") għal oġġetti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova fejn jidħlu l-ġeneb tal-mejda u l-ġajnbakar, u li tintroduċi kwota tariffarja ġdida għaċ-ċirasa. Ir-Repubblika tal-Moldova aċċettat li żżid gradwalment il-volum tal-kwoti tariffarji għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea fil-każ tal-prodotti li ġejjin inklużi fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet (ir-Repubblika tal-Moldova): il-majjal ("TRQ 1"), it-tjur ("TRQ 2"), il-prodotti tal-ħalib ("TRQ 3") u z-zokkor ("TRQ 5").
- (4) Wara talba li saret mir-Repubblika tal-Moldova skont l-Artikolu 148 ta' dan il-Ftehim, l-Unjoni Ewropea aċċettat li żżid il-volum ta' limitu fil-każ tal-qamħ (dqi u gerbub), xgħir (dqi u gerbub), qamħirrum (dqi u gerbub) u ċereali pproċessati.
- (5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, bid-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-16 ta' Diċembru 2014, iddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ is-setgħat tiegħu li jaġġorna jew jemenda ċerti annessi relatati mal-kummerċ.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-Anness XV-A tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit bl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.
2. Fl-Anness XV-B, fil-lista ta' prodotti soġġetti għal prezz ta' dħul, il-linja bil-kodiċi NM 2012 0809 29 00 u d-deskrizzjoni tal-prodott "Ċirasa (minbarra ċirasa qarsa), friska" għandha titħassar.
3. Fl-Anness XV-C, il-volumi ta' skattar għall-kategoriji ta' prodotti li ġejjin għandhom jiġu emendati kif ġej:

- (a) Għall-kategorija tal-prodott 6. Qamħ, dqiġ u gerbub, fil-kolonna bit-titlu “Volum ta’ skattar (f’tunnellati)”, l-ammont ta’ “75 000” għandu jiġi sostitwit bl-ammont “150 000”;
 - (b) Għall-kategorija tal-prodott 7. Barli, dqiġ u gerbub, fil-kolonna bit-titlu “Volum ta’ skattatur (f’tunnellati)”, l-ammont ta’ “70 000” għandu jiġi sostitwit bl-ammont “100 000”;
 - (c) Għall-kategorija tal-prodott 8. Qamħirrum, dqiġ u gerbub, fil-kolonna bit-titlu “Volum ta’ skattar (f’tunnellati)”, l-ammont ta’ “130 000” għandu jiġi sostitwit bl-ammont “250 000”; kif ukoll
 - (d) Għall-kategorija tal-prodott 10. Ċereali pproċessati, fil-kolonna bit-titlu “Volum ta’ skattar (f’tunnellati)”, l-ammont ta’ “2 500” għandu jiġi sostitwit bl-ammont “5 000”.
4. Fl-Anness XV-D, l-Iskeda ta’ Konċessjonijiet (ir-Repubblika tal-Moldova), ir-raba’ kolonna bit-Titolu “Kategorija” għandha tiġi emendata kif ġej:
- (a) Ir-referenzi kollha għal “TRQ 1 (4 000 t)” għandhom jiġu sostitwiti b’ “TRQ 1 (4 500 t; għas-sena 2021: 5 000 t; u mis-sena 2022: 5 500 t)”;
 - (b) Ir-referenzi kollha għal “TRQ 2 (4 000 t)” għandhom jiġu sostitwiti b’ “TRQ 2 (5 000 t; għas-sena 2021: 5 500 t; u mis-sena 2022: 6 000 t)”;
 - (c) Ir-referenzi kollha għal “TRQ 3 (1 000 t)” għandhom jiġu sostitwiti b’ “TRQ 3 (1 500 t; u mis-sena 2021: 2 000 t)”;
 - (d) Ir-referenzi kollha għal “TRQ 5 (5 400 t)” għandhom jiġu sostitwiti b’ “TRQ 5 (7 000 t; għas-sena 2021: 8 000 t; u mis-sena 2022: 9 000 t)”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-Presidenza

AĠĠORNAMENT TAL-ANNESS XV-A TAL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI

It-test tal-Anness XV-A għandu jiġi sostitwit biit-test li ġej:

ANNESS XV-A**PRODOTTI SUĠĠETTI GĦAL KWOTI ANNWALI TA' KWOTI TARIFFARJI
MINGĦAJR DAZJU (L-UNJONI)**

Ordni Nru	Kodiċi NM 2012	Deskrizzjoni tal-Prodott	Volum (tunnellati)	Rata ta' dazju
1	07020000	Tadam, frisk jew imkessaħ	2 000	b'xejn
2	07032000	Tewm, frisk jew imkessaħ	220	b'xejn
3	08061010	Għeneb tal-mejda, frisk	20 000	b'xejn
4	08081080	Tuffieħ, frisk (ħlief it-tuffieħ tas-sidru, fi kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru)	40 000	b'xejn
5	08092900	Ċirasa (imbarra ċ-ċirasa qarsa), friska	1 500	b'xejn
6	08094005	Għanbaqar, frisk	15 000	b'xejn
7	20096110	Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix ≤ 30 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu)	500	b'xejn

Ordni Nru	Kodiċi NM 2012	Deskrizzjoni tal-Prodott	Volum (tunnellati)	Rata ta' dazju
	20096919	Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 22 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti toġhma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu)		
	20096951	Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 30 iżda ≤ 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti toġhma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu)		
	20096959	Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur > 30 iżda ≤ 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > EUR 18 għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti toġhma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk ikkonċentrat jew fih l-ispirtu)		